# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2001**

**Numru 2**

**Avviz numru 833/99mm**

**Keith Meilaq**

**vs**

**Paul Cardona**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fl-4 ta' Gunju 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-istanti s-somma ta' disa mija u dsatax-il lira (Lm919.00) jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opera ta' periti moninandi danni in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara l-Hamrun fl-1 ta' April 1999 bejn EBY 582 misjuqa mill-konvenut u IAT 437 misjuqa mill-istanti prevja dikjarazzjoni li huwa kien responsabbli ghall-incident u dana minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservazzjoni tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Mejju 1999 u dik datata 4 ta' Gunju 1999 indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut,Lm11.50 u Lm17.25 pariri u mghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontrih stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija tal-attur nnfisu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali illi gara fit-triq principali tal-Hamrun fl-1 ta' April 1999 ghall-habta tas-sitta ta' filghodu (6:00a.m.) li fiha kienu nvoluti xarabank EBY 582 misjuqa mill-konvenut, Lada IAT 437 misjuqa mill-attur u karozza ohra li kien hemm ipparkjata magemb it-triq.

L-attur xehed illi huwa kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Blata l-Bajda wara van li kien miexi bil-mod u ghalhekk l-attur naqqas il-velocita' tal-karozza tieghu biex jibqa' warajh. Fil-hin dan il-van

beda jerga jsuq u hekk kif  kien se jibda jaghfas il-gass sabiex jaccellera u jibqa warajh, ihoss daqqa kbira fuq in-nahha ta' wara tal-karozza tieghu. Bhala konsegwenza l-karozza daret u ntefghet in-nahha l-ohra tat-triq. Fl-agonija tal-incident, l-attur sofra zewg daqqiet fuq in-nahha ta' wara, fuq l-mudguard  ta' wara tal-lemin u l-mudguard tal-lemin ta' quddiem. Minbarra dan, l-attur gie mitfuh fuq zewg karozzi ohra li kienu pparkjati in-nahha l-ohra tat-triq. Ma jistax ighid minn fejn giet din ix-xarabank peress illi ma rahiex. Jaf illi giet minn warajh.

Gie allegat illi wara l-incident il-konvenut skuza ruhu peress illi qal li kien mghaggel, kien ghadu bin-naghas u ried jilhaq il-venda. Peress  illi l-karozza ta' l-attur giet dikjarata *beyond economical repair* b'ittra datata 11 ta' Gunju 2001 l-assikurazzjoni tal-konvenut accettat l-ammont ta' tmien mija u tmenin lira (Lm880.00) bhala *pre accident value.* Il-valur tar-wreck kien ta'  mija u hamsin lira (Lm150.00).

L-attur gab bhala xhud lil Emanuel Camilleri li kien qieghed fit-triq dak il-hin. Dana pero' ma rax il-karozzi javvicinaw u semgha biss il-hoss tad-daqqa, dawwar rasu u ra l-karozza ta' l-attur diga f'nofs it-triq. Ma setgha jaghti l-ebda nformazzjoni jew xi dawl fuq id-dinamika ta' l-incident. Qal biss illi wara l-incident ix-xufier tax-xarabank qal lill-attur sabiex jiskuzah ghax kien ghadu rieqed u kien tard ghax-xoghol.

Il-konvenut minn nahha l-ohra jghid illi huwa kien qed isuq ix-xarabank fl-istess direzzjoni ta' l-attur u cioe' lejn il-Blata l-Bajda. Ra l-karozza ta' l-attur quddiemu illi bdiet tirrallenta u ghamlet

ukoll sinjal li ser tipparkja lejn ix-xellug, ghalhekk il-konvenut gibed lejn il-lemin biex jaghmel manuvra ta' sorpass u jghaddi magemb il-karozza. Kif kien hekk magemba, l-attur f'daqqa wahda darlu lejn il-lemin. Il-konvenut ipprova jevita milli jidhol fih billi hu wkoll idawwar lejn il-lemin, pero' ma setghax jevita dan l-incident u laqat il-karozza ta' l-attur fil-gemb taghha. Barra minn hekk baqa jkaxkar din l-istess karozza san-nahha l-ohra tat-triq biex spiccaw fil-posizzjoni kif indikaw fl-isketch.  Din hi l-istess versjoni li ta s-Surgent illi mar jinvestiga dan l-incident.

Ikkunsidrat:

Meta l-Qorti tqabbel il-versjonijiet moghtija mill-partijiet mal-isketch esibit fl-atti kif ukoll ir-ritratti esibiti a fol 25 issib li l-versjoni moghtija mill-konvenut hija aktar verosimili. Il-hsarat subiti fil-karozza ta' l-attur jidhru fil-maggiorparti taghhom fil-gemb lemini tal-karozza. Id-daqqa principali tidher fuq il-mudguard ta' wara tal-lemin. Minkejja illi in-nahha ta' wara jidhru wkoll xi hsarat peress il-fanal tan-nahha tal-lemin huwa miksur, dana jidher aktar bhala *referred damage* milli rizultat ta' impatt dirett fuqha. Il-hsarat l-ohra jibqghu sejrin fuq il-gemb tal-karozza biex  tispicca b'daqqa ohra fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin. Dana jikkorrobora l-versjoni  moghtija mill-konvenut meta jghid il-karozza ta' quddiemu ghamlet *u turn*  u l-ewwel daqqa haditha fuq il-mudguard ta' wara tal-lemin. Dan il-*u turn* ma kienx previst minn nahha tal-konvenut u minkejja li ipprova jevita billi hu wkoll jikser lejn il-lemin, l-incident ma setghax jigi evitat.

Minn nahha l-ohra, l-versjoni moghtija mill-attur hija pjuttost sospetta. Dana jghid li huwa kien qieghed isuq wara van u waqt illi kien ghaddej ghad-dritt hass id-daqqa fuq wara. Dana ma jaghmilx sens fid-dinamika  ta' dan l-incident peress illi fuq in-nahha ta' wara tal-karozza tieghu ma jidhru l-ebda hsarat oltre dawk li diga deskriviet il-Qorti. L-attur ma jistax isib konfort mix-xhieda ta' Emanuel Camilleri. Dana ma rax l-incident isir, u dawwar rasu hekk kif semgha l-hoss tal-habta u ra l-karozza ta' l-attur diga f'nofs it-triq. Dan ix-xhud allega illi l-konvenut skuza ruhu mal-attur ghal dan l-incident, pero' l-konvenut fix-xhieda tieghu jinnega illi qal dan id-diskors u ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq dak li jirrizultalha f'dawn l-atti bil-korroborazzjoni tar-ritratti u l-isketch.

Ghalhekk fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ma tistax tghid illi l-attur ipprova fi grad illi trid il-Ligi illi dan l-incident gara b'tort tal-konvenut. Il-probabbilta' hija li fil-fatt dan l-incident gara tort ta' l-attur meta biddel id-direzzjoni tal-karozza tieghu minghajr ma ta prekawzjonijiet adekwati lill-vetturi ta' warajh u, ghalhekk ma jistax jippretendi success ghall-istanza tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit/Dep Reg